# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 2391

**Kaz Nru. 2382/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Joseph Azzopardi**

**u**

**Antoine Tanti ezercanti l-kummerc bl-isem Champ Pastizzerija (Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK)

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Joseph Azzopardi, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti**

**fl'10 ta' Lulju 2006. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kien assistit mill-Avukat Antonio M. Tufigno u ghas-Socjeta intimata deher is-Sur Antoine Tanti li kien assistit mill-Avukat Norma Vella.**

**Fl'ewwel seduta l-Avukat Joe Brincat, ghan-nom tas-Sur Noel Tanti irreleva li fl'1 ta' Mejju 2005, l-impjegati kollha ghaddew minn fuq Noel Tanti ghal Antoine Tanti u b'dan ukoll giet infurmata l-ETC. Invista ta' dan, gie mibdul ukoll l-occhio tal-Kaz fejn minn kif kien jaqra Joseph Azzopardi vs Noel Tanti u Antoine Tanti ezercenti l-kummerc bl'isem Champ Pastizzerija, issa gie jaqra Joseph Azzopardi vs Antoine Tanti ezercenti l-kummerc bl-isem Champ Pastizzerija.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-Rikorrenti jghid, li hu kien ilu mpjegat ma Champ Pastizzerija mill-1991, ftit xhur biss li Noel Tanti kien fetah in-negozju tieghu f'San Gwann u wara hadem f'San Giljan. Huwa jghid ukoll, li l-impieg tieghu gie mitmum hesrem fil-11 ta' Marzu 2006. Matul dan il-perjodu, ix-xoghol tieghu kien jahdem normali bhal haddiema l-ohra kif ukoll kien jghamel xoghol ta' supervizjoni fuq il-hanut.**

**Fl'Istqarrija tieghu huwa jkompli jghid, li l-mara tieghu tigi oht il-mara ta' Noel Tanti u f'dak il-perjodu Noel Tanti u l-mara tieghu kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Huwa jghid wkoll, li mieghu gew imkeccija t-tifla tieghu Christine Azzopardi u l-gharus taghha**

**Jean-Pierre Ellul u t-terminazzjoni taghhom saret minn Antoine Tanti u kollha gew imkeccija fl'istess hin minghajr ma gew moghtija raguni.**

**Ir-Rikorrenti jghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz tieghu li fis-sena 1999, kien waqaf jahdem minn ma Noel Tanti ghal ftit xhur u dan peress li x-xoghol tieghu kien jinkludi wkoll li jghagen l-ghagina. Huwa jghid ukoll, li kienu bdew jorqdulu jdejh u dana kien qed jaffetwalu ghonqu u dahru. Huwa jghid ukoll li fis-16 ta' Ottubru 2000, sa ma gew mkeccija rega beda jahdem ma Champ Pastizzerija.**

**Fl'istqarrija tieghu ir-rikorrenti jghid ukoll, li meta saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu lanqas biss kien fuq il-post tax-xoghol ghax kien bil-leave u bghatu jghidulu li l-impieg tieghu gie tterminat. Fl'Istqarrija tieghu ir-rikorrenti jkompli jghid, li nizel il-hanut f'San Giljan u kellem lill Noel Tanti u lil Antoine Tanti, u talabhom jispjegawlu ghall-inqas x'kienet ir-raguni, jekk kien hemm. Huwa jghid ukoll, li Noel Tanti l-ewwel haga li qallu kienet "Nahseb smajt li wehilt xahrejn habs eh ?" ir-rikorrenti jghid ukoll, li Noel Tanti kien qed jirreferi ghall-kawza tal-Kriminal li kellu ma oht il-mara tieghu, illi fiha kien wehel xahrejn habs. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li imbghad dawn l-ahwa qalulu li ma setghu jaghmlu xejn.**

**Ir-rikorrenti fl'istqarrija tieghu jkompli jghid, li l-ahwa Tanti qalulu li kien jghamel ix-xoghol kif gie gie, imma huwa jghid li qalulu hekk biex ikunu qed jghidu xi haga, ghax huma dejjem f'dawh f'kollox u sahansitra ghal snin twal hallew il-hanut f'idejh u qatt ma kienu gibdulu l-attenzjoni fuq xi haga dwar it-tmexxija tal-hanut.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li Antoine Tanti kien qallu li jekk it-Tnejn ta wara jigifieri fit-13 ta' Marzu 2006, kien ser jitfacca ghax-xoghol kienu ser jibghatulu l-puluzija.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu, li l-ghada li gew imkeccija is-sidien fethu hanut gdid f'B'Kara u n-negozju taghhom kien sejjer tajjeb hafna. Huwa jghid li jemmen, li gew imkeccija minhabba l-bicca xoghol li mart Noel Tanti tigi oht il-mara tieghu, u ried jekk forsi mhux jaghmel vendikazzjoni, almenu ma jaghtix sodisfazzjon lil martu jew lill-familjari taghha billi jzommhom impjegati mieghu.**

**Ir-Rikorrenti jghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu, li l-ewwel gie moghti formula ta' l-ETC fejn ma kienx hemm ir-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg u wara li din ma kienitx giet accettata mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig, il-propjetarju nizzel li ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ghal ragunijiet ta' Dixxiplina. Huwa jghid ukoll, li din ir-raguni hija wahda ngusta u dan ghaliex, huwa qatt ma gie moghti l-**

**ebda dixxiplina u lanqas twissija la fomm u lanqas bil-miktub. Huwa jghalaq l-Istqarrija tal-Kaz tieghu, fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu, kienet wahda ngusta u bi ksur tal-ligi.**

**Ghan-naha tas-sid intqal, li Joseph Azzopardi gie mkecci minhabba l-fatt li xoghol ma kienx jaghmlu jew li ma kienx jaghmlu sew. Fl'isqtarrija tieghu Antoine Tanti jghid ukoll, li huwa minnu li l-mara ta' Joseph Azzopardi tigi oht il–mara ta' huh, imma din il-kwistjoni familjari m'ghandha x'taqsam xejn mat-tkeccija tieghu. Huwa jghid ukoll, li r-rikorrenti qed jittanta jipprova juza din l-iskuza biex jahrab min nuqqas ta' responsabilita sfaccata u jipprova jitfa dell ikrah fuqu.**

**Antoine Tanti jghid ukoll, li m'ghadnu x'jaqsam xejn ma x'qed jigri bejn huh Noel u l-mara tieghu, u x'qed jghamel huh m ghandu x'jaqsam xejn man-negozju tieghu.**

**Fl'istqarrija tieghu Antoine Tanti jghid, li originarjament Joseph Azzopardi kien jahdem ma huh Noel u kien waqaf minhabba ragunijiet ta' sahha u dan peress li kellu diversi problemi u ghalhekk ma setghax jahdem. Huwa jghid ukoll, li ir-rikorrenti kien ilu jahdem mieghu fic-Champ Pastizzerija mill-1 ta' Mejju 2005 sa ma gie mkecci fil-11 ta' Marzu 2006.**

**Huwa jghid ukoll, li ir-ragunijiet li gie mkecci kienu mhux ghal ragunijiet personali izda ghax hu stess ma riedx jahdem u l-ftit xoghol li kien qed jghamel kien jghamlu b'tali mod li jurik li kollox kien qed jaghmel ta' bil-fors. Fl'istqarrija tieghu is-sid jghid ukoll, li mhux minnu li ma gietx moghtija lir-rikorrenti r-raguni ghalfejn tkecca. Huwa jghid ukoll, li meta sar jaf li tkecca ghaddielu malajr u gie jigri ghax-xoghol avolja dak inhar ma kienx gie ghax attaparsi kien ma jiflahx. Huwa jghid ukoll, li ghal ragunijiet umanitarji kien ilu jahseb fuq li jkecci lir-rikorrenti, imma peress li ma kienx jghamel ix-xoghol tieghu sew fl-ahhar kien ddecieda li jittermina l-impieg tieghu.**

**Sid il-hanut jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li raguni ohra li kecca lir-rikorrenti kienet li kien qed jabbuza mill-hinijiet tax-xoghol tieghu. Huwa kien jidhol ghax-xoghol f'xi l- hamsa neqsin kwart ta' fil-ghodu u jitlaq mix-xoghol ghat-tmienja ta' fil-ghodu. Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li flimkien mat-tifla tieghu u l-gharus taghha minflok jibdew bix-xoghol kienu joqoghdu jiehdu l-breakfast u kienu jakkapparaw il-bankijiet u ghalhekk il-haddiema l-ohra kienu iridu joqoghdu jistennew lilhom ilestu mill-breakfast.**

**Fl'istqarrija tieghu Antoine Tanti jghid ukoll, li ir-rikorrenti kien qed jaqlalu wkoll problemi ohra mal-haddiema li kienu jahdmu mieghu u kien hemm okkazzjoni fejn anke gew fl'idejn, ma dan huwa wkoll kien selvagg hafna u kien jidghi mhux hazin u jitkellem baxx. Ma dan hu kien japprofetta ruhu billi pakketti vojta tal-prodotti, kien johodom u issarfhom ghal xi skema. Huwa jghid ukoll, li lill-impjegati l-ohra kien jghidilhom li kienu pulcinelli tieghu u fil-gurnata tal-Hadd kien iqqabbad lil impjegat iehor jidhol qabel il-hin normali tax-xoghol b'overtime biex hu ma jidholx. Is-sid jghid ukoll, li kien hemm okkazzjoni fejn il-pizza kienet spiccat u ma riedtx jghamel aktar kif ukoll li fix-xahar ta' Dicembru, meta kien ikollhom hafna xoghol hu kien jiehu il-leave. Huwa jghid ukoll, li r-rikorrenti kien mohhu biex jitlaq il-barra qiesha l-pastizzerija kienet se taqa fuq rasu.**

**Fl'istqarrija tieghu is-sid jghid ukoll, li meta gie avvicinat mir-rikorrenti biex jziedu fil-paga u irrifjuta, ir-rikorrenti kien qallu li la ma jridtx iz-ziedu fil-paga inkwiet kien se jkollhom bejniethom. Huwa jghid ukoll, li il-van tax-xoghol li kien jahdem bih l-gharus tat-tifla tieghu kien jehdu hu bl'arja kollha u jmur id-dar bih. Is-sid jghid ukoll, li ir-rikorrenti tant kien arroganti li anke meta kien ikun sick ma kienx jidhol ghax-xoghol minghajr ma javza lil hadd. Huwa jghid ukoll, li meta kien infurmah bid-decizjoni tieghu li jittermina l'impieg tieghu, ir-rikorrenti kien qallu li xorta wahda kien se jidhol ghax-xoghol ghax ma kienx jistamah u qallu li r-rikorrenti kien jikkmanda lis-sid u mhux bil-kontra. Is-sid jghid ukoll fl-istqarrija tal-Kaz tieghu, ghax il-mara tar-rikorrenti kienet tigi oht il-**

**mara ta' huh, ir-rikorrenti ma kienx jirrispettah u ma kienx hemm dak ir-rispett li ghandu jkun hemm bejn l-employer u l-impjegat. Huwa jghid ukoll, li kien ghalhekk li kien qallu li jekk jidhol ghax-xoghol kien se jibghatlu l-puluzija.**

**Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrenti l-ewwel kien jahdem ma Noel Tanti u mill-1 ta' Mejju 2005 huwa gie trasferit fuq il-kotba ta' Antoine Tanti u b'dan giet infurmata l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig. Mill-provi jirrizulta ukoll, li minkejja li sar dan it-trasferiment pero huwa xorta wahda baqa jghamel l-istess xoghol li kien jghamel qabel fl'istabiliment Champ Pastizzerija ta' San Giljan.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret b'modd hesrem fil-11 ta' Marzu 2006.**

**Matul is-smigh tal-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, saru diversi allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti fosthom li ma kienx jaqghdi xogholhu sew, traskurat fuq il-post tax-xoghol, kien jigi f'konfront ma haddiema ohra, kien jghamel xoghol kif gie gie u kien ikkappara l-post tax-xoghol flimkien ma bintu u l-gharus taghha.**

**Dawn l-allegazzjonijiet kollha gew michuda mir-rikorrenti u jghid li hu dejjem qeghda dmiru kif suppost u dejjem kien attenet ukoll fuq il-post tax-xoghol. Huwa jghid ukoll, li is-sidien dejjem kienu f'dghawlu l-hanut f'idejh u l-problema inqalghet meta Noel Tanti li jigu hu Antoine Tanti, kellu l-problemi matrimonjali ma martu li kienet tigi oht il-mara tieghu.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret fi zmien meta Noel Tanti kien ghaddej minn problemi matrimonjali ma oht il-mara tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra r-raguni li giet moghtija lit-Tribunal Industrijali, dik li r-rikorrenti gie mkecci fuq kaz ta dixxiplina.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li mill-provi li tressqu quddiemu jirrizulta, li ghalkemm is-sid ta' l-istabiliment ghamel diversi allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti, liema allegazzjonijiet gew michuda pero ma gew sottomessi l-ebda dokumenti quddiem it-Tribunal Industrijali, li juru li ir-rikorrenti kien gie imwissi u ttiehdet xi forma ta' dixxiplina fil-konfront tieghu.**

**Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jezamina kif saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti u l-ewwel ma jsib li din saret b'modd hesrem, jigifieri li gie mkecci minn fuq il-post tax-xoghol instantament. It-Tribunal Industrijali isib ukoll li din it-terminazzjoni ta' l-impieg saret minghajr ma is-sid informa lir-rikorrenti x'kienu in-nuqqasijiet tieghu u ma tah l-ebda opportunita li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu bil-persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**F'diversi okkazzjonijiet dan it-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta jkun hemm kaz ta' Dixxiplina fil-konfront ta' impjegati u dan anke meta l-impjegati jigu imwissija verbalment, din it-twissija ghanda tigi registrata bil-miktub u dan sabiex tkun punt ta' riferenza ghal meta jinqalghu kwistjonijiet ta din ix-xorta li qed jittratta dan it-Tribunal Industrijali. Invista li ma gietx ippruvata b'modd konkret li fil-passat ir-rikorrenti kellu kazijiet ta' dixxiplina, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li ir-rikorrenti qatt ma ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu.**

**Kif diga inghad hawn fuq, meta fl'opinjoni tas-sid il-haddiem ikun naqas minn dmirijietu u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, is-sid ghandu jinforma lill haddiem involut bil-miktub x'kienu innuqassijiet tieghu u jghatih l-opportunita li jiddefendi l-alleggezzjonijiet li jkunu saru fil-konfront tieghu biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jigi**

**moghti l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu, anke jekk ikun irid li jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju tal-Kaz is-sid ma ta' l-opportunita lir-rikorrenti li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsdira d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal-konkluzjoni, li ir-rikorrenti ma giex moghti l-opportunita xierqa biex jiddefendi l-kaz tieghu u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impieg hija ngusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-impieg ma jigix moghti lura, ir-rikorrenti ghandu jithallas kumpens minghand Antoine Tanti ezercenti l-kummerc bl-isem Champ Pastizzerija, kumpens li jammonta ghal €4,500 (erbgha t'elef u hames mitt Euro) liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Għall-finijiet ta' l-Avviż Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgħa u disgħajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xogħol.**

**(Iffirmat)**
**Harold Walls**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Għas-Segretarju**

**Data: 19 ta' Mejju, 2015**